

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/34**tad-9 ta' Jannar 2015**

li jiffissal-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-5 sas-6 ta' Jannar 2015 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Jannar 2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 ⁽³⁾ tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri taqgħom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra ⁽⁴⁾, jistabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' zero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea, fil-limiti stipulati għal kull sena.
- (2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji f'dak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija ⁽⁵⁾ jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Jannar fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament imsemmi.
- (4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokkazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.
- (5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Jannar, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fil-5 u s-6 ta' Jannar 2015, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skont koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' 5,743660 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mis-7 ta' Jannar 2015 huwa sospiż għal Jannar 2015.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠUL 97, 30.3.1998, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠUL 97, 30.3.1998, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠUL 365, 21.12.2006, p. 84.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*
